2024/3231

27.12.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2024/3231

tas-17 ta' Diċembru 2024

li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 240(3) tiegħu,

Billi:

(1) Meta att għandu jiġi adottat mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata, għandu jiġi vverifikat li l-Istati Membri li jikkostitwixxu l-maġġoranza kwalifikata jirrappreżentaw mill-inqas 65 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni.

(2) Dak il-perċentwal jiġi kkalkolat skont iċ-ċifri tal-popolazzjoni stipulati fl-Anness III għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill [1] (ir-"Regoli ta' Proċedura").

(3) L-Artikolu 11(6) tar-Regoli ta' Proċedura jipprevedi li, b'effett mill-1 ta' Jannar ta' kull sena, il-Kunsill għandu jemenda ċ-ċifri stipulati fl-Anness III tiegħu, f'konformità mad-data disponibbli għall-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea fit-30 ta' Settembru tas-sena ta' qabel.

(4) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regoli ta' Proċedura jiġu emendati kif meħtieġ għas-sena 2025.

(5) F'konformità mal-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, l-Artikolu 240 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea japplika għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness III għar-Regoli ta' Proċedura huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS III

Ċifri li jirrigwardaw il-popolazzjoni tal-Unjoni u l-popolazzjoni ta' kull Stat Membru għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill

Stat Membru	Popolazzjoni	Perċentwal indikattiv tal-popolazzjoni tal-Unjoni (%)
Ġermanja	83 399 432	18,49
Franza	68 401 997	15,17
Italja	59 685 948	13,23
Spanja	48 630 010	10,78
Polonja	37 565 715	8,33
Rumanija	19 064 409	4,23
Netherlands	18 089 177	4,01
Belġju	11 832 049	2,62

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2009/937/oj).

Stat Membru	Popolazzjoni	Perċentwal indikattiv tal-popolazzjoni tal-Unjoni (%)
Ċekja	10 916 836	2,42
Portugall	10 639 726	2,36
Żvezja	10 573 000	2,34
Greċja	10 401 302	2,31
Ungerija	9 584 627	2,13
Awstrija	9 132 500	2,02
Bulgarija	6 445 481	1,43
Danimarka	5 954 471	1,32
Finlandja	5 619 851	1,25
Slovakkja	5 455 252	1,21
Irlanda	5 351 681	1,19
Kroazja	3 861 967	0,86
Litwanja	2 885 891	0,64
Slovenja	2 123 949	0,47
Latvja	1 871 882	0,42
Estonja	1 374 687	0,30
Ċipru	933 505	0,21
Lussemburgu	670 093	0,15
Malta	563 443	0,12”
UE 27	451 028 881	
Livell limitu (65 %)	293 168 773	

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2025.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

BÓKA J.